MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Numru 393/2005

Il-Pulizija
(Spettur Therese Sciberras)

vs

Joseph Agius
Jason Agius

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 486569M u 229590M rispettivament, akkuzati talli f’ dawn il-Gzejjer fil-lejl ta bejn il 29 ta’ April 2005 u t-30 ta’ April 2005 f’xi hin bejn l-ghaxra ta filghaxija (22.00hrs) u l-erba ta’ filghodu (04.00hrs), gewwa Mellieha ;

1. ingurjaw jew heddu, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ nies inkarigati skond il-ligi minn servizz, jew bil-hsieb li

jbezzaw jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. ukoll talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu resitenza bi vjolenza jew hebb kontra PS342 John Said, PC887 Stefan Mercieca u PC 60 John Grima u cioè persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

3. aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkagunaw offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ PS342 John Said skond kif iccertifikat mit-tabib Dr. E Xuereb mill-poliklinika tal-Mosta, PC 887 Stefan Mercieca skond kif iccertifikat mit-tobba Dr. E Xuereb y Dr. I. Cacciattolo mill-poliklinika tal-Mosta, PC 60 John Grima skond kif iccertifikat mit-tabib Dr. E Xuereb tal-poliklinika tal-Mosta;

4. aktar talli fl’ istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kienu fil-pubbliku, qallu xi kliem oxxenn jew indicenti li kien ukoll jikkonsisti f’dagha.

5. aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta’ persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioè PS 342 John Said, PC 887 Stefan Mercieca, PC 60 John Grima, jew ma halliewhomx jew tixkluhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiethom, jew b’mod iehor, bla jedd , indahlu fi dmirijiethom, billi ma halliewx lil haddiehor jaghmlu dak li b’ligi jkunu ordnati jew jistaw jaghmlu, jew billi fix-xejn jew hassaru dak lil haddiehor inkun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor;

6. aktar fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament kisru il-bon- ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

7. aktar talli fl’ istess jum, hin , lok u cirkostanzi hebbew ghall- Martin Cachia;

8. aktar talli f’istess jum, hin, lok u cirkostanzi uzaw armi, strumenti jew ghodod ohra li ma jitqisux bhala armi hlief

meta fil-fatt jigu wzati ghal- offiza u li jissejhu armi irregulari.

Lil Joseph Agius wahdu akkuzat talli:

1. fl' istess lok, hin u cirkostanzi arresta, zamm jew issekwestra, lil Martin Saliba kontra l-volonta tieghu;

2. aktar talli fl' istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikaguna offiza gravi li ggib sfrejgu fill-wicc fuq il-persuna ta' Dutch Michaels skond ma iccertifika Dr. E Xuereb mill-Mosta Health Centre.

3. aktar talli fl' istess jum, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall Jody Buttigieg u Pornthip Buttigieg sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara li dawn il-persuni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet xhieda;

Semghet lill-imputati fl-udjenza tal-lum jirregistaw ammissjoni fl-liema huma insistew anka wara li l-Qorti tahtom zmien biex jirrikonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti

Ikkonsidrat:

Din hi kawza li ilha gejja mill-2004 u bhala xhieda sal-lum seba snin wara xehdu l-pulizija riferiti fl-akkuza u l-Ispettur li esebiet xi dokumenti. Xehed ukoll wiehed mill-midruba , certu Dutch Michaels. Mix-xhieda jirrizultaw bhala fatti pruvati li l-Pulizija soffrew feriti hfief waqt li l-imsemmi Dutch Michaels sofra griehi fix-xoffa ta' fuq li nhtigiela hames punti.

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati u wara li rat l-Artikolu 95, 96, 221, 338 (bb) (ee) (dd), 339

(d), 86, 216 (b) u 17 (b) tal-Kap 9, l-Artikolu 13 tal-Kap 66 (illum sostitwit), issibhom hatja tal- imputazzjonijiet dedettiv fil-waqt li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberhom ghal tlett snin mill-lum, tikkundanhom ukoll ammenda, kull wiehed minnhom ta' € 200.

Il-Qorti fehmet lill-imputati r-responsabiltajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------